TRIBUNAL INDUSTRIJALI

DECIZJONI NRU. 685

KAZ NRU. 971

Fil-Kwistjoni tax-Xoghol

bejn

Casma Limited

u

Union Haddiema Maghqudin

dwar sospenzjoni ta' zewg impjegati.

Data : 12 ta' Frar 1996

Chairman : Is-Sur George Borg Cardona

Membri : Is-Sur Alfred Buhagiar

Is- Sur Maurice Petrococchino

Il- Kaz gie referit lit-Tribunal mill-Onorevoli Ministru tal-Edukazzjoni u Rizorsi Umani b'ittra datata 18 ta' Settembru 1995 skond l-Artiklu 28(2) tal-Kap 266 tal-Ligijiet ta' Malta.

Casma Limited (aktar il-quddiem tissejjah il-Kumpanija) fl-"istatement of case" taghha talbet lit-Tribunal biex :

a) jikkonferma illi l-pozizzjoni li hadet il-kumpanija dwar is-sopenzjoni taz-zewg impjegati hija korretta skond il-Ftehim Kollettiv u

b) jordna lill-Union li tiddezizti milli tordna jew tippromovi azzjonijiet industrijali in konnessjoni ma din il-kwistjoni.

Il-Union Haddiema Maghqudin (aktar il-quddiem tissejjah il-UHM) fl-"istatement of case" taghha talbet lit-Tribunal biex minnufih :

a) jordna li l-haddiema li gew sospizi jiddahlu lura ghax-xoghol u jinghataw il-parti tal-paga li tilfu minn meta gew sospizi bi ksur tal-Ftehim Kollettiv u

b) jiddikjara li minbarra li marret kontra il-provvedimenti tal-Ftehim Kollettiv, il-Kumpanija agixxiet bi ksur ta' Artiklu 26 ta' l-Att ta' l-1952 li Jirregola il-Kundizzjonijiet ta' L-Impieg, Kap 135 meta ssospendiet il-haddiema.

It-tilwima tikkoncerna l-interpretazzjoni tas-sub artikli 13 u 14 ta l-Artiklu 41 tal-Ftehim Kollettiv.

Il-kwistjoni nqalghet meta l-Kumpanija ssospendiet zewg haddiema sa kemm jigu konkluzi proceduri dixxiplinarji kontra taghhom fuq allegat "Gross Negligence" taht sub-artiklu 14 (i) ta' l-Artiklu 41 ta' l-Ftehim Kollettiv.

Il-UHM li tikkontendi li l-Kumpanija ma kelliex dritt tissospendi l-impjegati, meta gie biex jinstema l-kaz mill-Bord tad-Dixxiplina qajmet eccezzjoni f'dan is-sens. Billi l-Kumpanija mantniet dan id-dritt ic-Chairman tal-Bord tad-Dixxiplina ta' parir li ghandha tinghata nterpretazzjoni skond l-Artiklu 9 ta' l-Ftehim Kollettiv.

Dan sar u l-partijiet koncernati, il-Kumpanija u l-Casino Employees Union (aktar il-quddiem tissejjah CEU) qablu li l-Kumpanija kellha dritt tissospendi mpjegati taht is-sub-artklu 14 ta' l-Artklu 41 ta' l-Ftehim Kollettiv.

It-Tribunal ikkonsidra li l-partijiet relevanti tal-Ftehim Kollettiv huma :

Artiklu 41.3 li jimponi hames tijiem tax-xoghol biex isir "charge" f'kaz li jigi deciz li ghandha tittiehed azzjoni dixxiplinarja izda tezenta offizi taht Artiklu 41.14 minn din il-preskrizzjoni ta' zmien.

Artiklu 41.13 li jelenka dawk l-offizi li dwarhom impjegat jista' jigi sospiz immedjatament b'nofs paga.

Artiklu 41.14 li jelenka offizi li dwarhom mhemmx zmien preskritt ghal azzjoni dixxiplinarja.

It-Tribunal jinnota li l-offizi elenkati f'Artiklu 41.14 huma ta' natura li ukoll jistghu jiggustifikaw sospensjoni. Din is-sezzjoni tkopri ezenzjoni mill-preskrizzjoni ta' zmien izda logikament timplika t-tehid ta' azzjoni dixxiplinarja bil-metodi kif generalment miftehma fil-Ftehim Kollettiv.

It-Tribunal ghalhekk irid jasal biex jghati nterpretazzjoni li hi logika fil-kuntest tal-Ftehim Kollettiv fit-totalita tieghu. Artiklu 41.13 jistabbilixxi li l-offizi elenkati huma meqjusa raguni sufficjenti ghal <u>sospensjoni immedjata</u>. Dan ghax jintgharfu malli jirrezultaw u wiehed jista' jiehu passi fil-hin. Izda dan mghandux jiftiehem li jeskludi ghal kollox sospenzjonijiet ohra, ghalkemm mhux immedjati, dwar offizi differenti ghal raguni serja u valida. Jekk nuqqas f'attendenza, li ghalkemm ta' detriment ghall-Kumpanija ma jikkagunax hsara kbira, hu meqjus raguni sufficjenti biex issir sospenzjoni huwa ragonevoli li dan ghandu japplika ukoll ghall-offizi elenkati taht Artiklu 41.14.

Fil-fatt jirrezulta li fil-Ftehim Kollettiv ghall-perijodu Jannar 1988/Dicembru 1990 l-offizi kollha soggetti ghal sospenzjoni mmedjata kienu elenkati taht Artiklu 21 (i). Fil-Ftehim Kollettiv ghall- perijodu Jannar 1991/Dicembru 1993 erba' (4) minn dawn l-offizi gew elenkati taht Artiklu 39.14 fliemkien ma offiza addizzjonali fejn gie ndikat li "The following shall not be governed by any time limits". Il-hamsa l-ohra dehru taht Artiklu 39.13 u baqghu soggetti li jrid isir rapport fi zmien hames granet tax-xoghol mill-incident. L-istess gara fil-Ftehim Kollettiv ghall-perijodu Jannar 1994/Dicembru 1996 b'zieda ta offizi kemm f'lewwel grupp kif ukoll fit-tieni grupp li gew elenkati taht Artikli 41.13 u 41.14.

Jidher li l-intenzjoni kienet li fil-kaz ta dawk illum elenkati taht Artiklu 41.14 ma jibqghux soggetti ghal "time limits" u mhux li ma jibghux soggetti ghal sospenzjoni. Fil-fatt dan ikkonfermawh fix-xhieda taghhom persuni li kienu ufficjali tas-CEU fi zmien li nqalghet it-tilwima.

Il-Kumpanija fuq parir tac-Chairman tal-Bord ta' Dixxiplina u ghax kellha hjiel ta' azzjoni ndustrijali mill-UHM hadet passi skond Section 9 tal-Ftehim Kollettiv biex tistabbilixxi nterpretazzjoni tal-ftehim mal-Union li maghha ghamlitu. Din ikkonfermat l-interpretazzjoni li tat il-Kumpanija. Il-Kumpanija ma setghetx tikkonsulta mal-Union li kienet qed thedded l-azzjoni ndustrijali ghaliex din ma kienetx parti ghall-Ftehim Kollettiv.

It-Tribunal waqt li jirrimarka li fil-Ftehim Kollettiv hemm nuqqas ta kjarezza jikkonsidra li :

a) l-iskop ta' Section 41.14 hu biss li jezenta certi offizi minn preskrizzjoni ta' zmien ghal proceduri dixxiplinarji u certament mhux biex teskludi xi azzjoni, inkluz sospensjoni, fejn din hi ragonevoli u gustifikata.

b) F'Section 9 tal-Ftehim Kollettiv hu stipulat li kwalunkwe interpretazzjoni tista ssir biss bejn il-partijiet flimkien. Ghalkemm it-tilwima tqajmet minn terza parti (il-UHM) kien imiss lill-partijiet ghall-ftehim biex jirresolvu kull materji dwar l-interpretazzjoni, l-applikazzjoni jew is-sehh ta' provvedimenti tal-Ftehim Kollettiv. Dan sar u ntlahaq ftehim fuq l-interpretazzjoni mill-partijiet awtorizzati.

Il-UHM ibbazat il-kaz taghha fuq interpretazzjoni restritta ghall-kliem ta zewg artikli minghajr ma qieset kif evolvew, il-logika li kellha tapplika fil-kaz ta' offizi serji mqabbla ma ohrajn anqas serji u l-intenzjoni tal-partijiet li waslu ghall-Ftehim Kollettiv. Ikkontendiet ukoll li l-mod kif agixxiet il-Kumpanija kien irregolari u li l-ufficjali li waslu ghall-ftehim fuq l-interpretazzjoni mal-Kumpanija ma kellhomx rapprezentanza valida tas-CEU. Dawn iz-zewg argumenti b'ebda mod ma gew ipprovati.

It-Tribunal jirremarka li t-tieni talba fl-"istatement of case" tal-UHM li l-Kumpanija agixxiet bi ksur ta' l-Artiklu 26 ta Kap 135 ta' l-Ligijiet ta' Malta ma gietx trattata minnhom u l-anqas issemmiet fis-sottomissjonijiet finali. It-Tribunal ma jidirlhux li dan l-Artiklu japplika f'dan il-kaz. It-Tribunal ma jsibx raguni ghax ghandu jvarja l-interpretazzjoni li qablu fuqha il-partijiet ghal-Ftehim Kollettiv u ghalhekk jilqa' t-talbiet tal-Kumpanija.

It-Tribunal jirrekomanda li s-smigh tal-kaz mill-Bord tad-Dixxiplina isir kemm jista' jkun malajr u li, jekk ikun rilevanti fic-cirkostanzi, dan jiehu konsiderazzjoni taz-zmien li l-impjegati nvoluti jkunu ghamlu sospizi.

Ghall-finijiet ta' l-avviz legali numru 48 ta' l-1986 jintaxxa d-drittijiet ta' min assista l-partijiet fl-ammont ta' erbghin liri Maltin (Lm 40).

B'hekk itemm din it-Tilwima tax-Xoghol.

George Borg Cardona — Chairman

Alfred Buhagiar — Membru

Maurice Petrococchino — Membru